

32005D0695

11.10.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 266/59

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-20 ta' Settembru 2005

**dwar il-konklużjoni ta' Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxu assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea**

(2005/695/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 310 tiegħu, b'rabta mat-tieni sentenza ta' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 300 tiegħu, u t-tieni inċiż tal-paragrafu 3 ta' l-Artikolu 300 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Att ta' Adeżjoni ta' 2003, u partikolarment il-paragrafu 2 ta' l-Artikolu 6 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew <sup>(1)</sup>,

Billi:

- (1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fil- [...].

(2) Il-Protokoll għandu jkun approvat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

Il-Protokoll għall-Ftehim Ewro-Mediterranju li jstabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Renju tal-Marokk, min-naħa l-oħra, għandu jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika ta' l-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika ta' l-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea.

It-test tal-Protokoll hu meħmuż ma' din id-Deċiżjoni <sup>(2)</sup>.

Magħmula fi Brussel, fi 20 ta' Settembru 2005.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
M. BECKETT

<sup>(1)</sup> Opinjoni tas-6.9.2005.

<sup>(2)</sup> ĠU L 242, 19.9.2005, p. 2.